# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn erbghatax (14) ta' Dicembru 2015**

**Rikors Numru 224/13 FDP**

**Vassallo Builders Limited**
**(C 20882)**

**vs**

**202 Jewellery Limited**
**(C 42574)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-6 Awissu 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-dina l-Qorti tordna lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' hamest elef, tlett mija u disgha u sittin Euro (€5,269) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata lilha kif ukoll servizzi lilha pretizi.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata illi sahqet illi l-ammont pretiz ma kienx dovut ghax ix-xoghol ma sarx kif pattwit u ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Rat illi fit 2 ta' Dicembru 2013 il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi in vista ta' l-eccezzjonijiet.

Rat illi wara rikors tas-socjeta intimata ippresentat fil-11 ta' Frar 2014, il-Qorti fil 21 ta' Frar 2014 ordnat illi s-socjeta rikorrenti kellha tipproduci l-provi taghha.

Semghet lill **Perit Reuben Vassallo**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, jixhed in ezami fit 22 ta' Settembru 2014.

Semghet lill **Nicholas Zammit**, prodott mis-socjeta rikorrenti, jixhed in ezami u kontro ezami fis 6 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Karol Cassar**, Financial Controller tas-socjeta rikorrenti, moghtija in ezami u kontro ezami, fid 19 ta' Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda tal-Perit Reuben Vassallo moghtija in ezami u kontro ezami fit 13 ta' April 2015. Rat illi fis-seduta tat-13 ta' April 2015, is-socjeta rikorrenti ghalqet il-provi taghha u l-kawza giet differita ghall-provi tas-socjeta intimata.

Rat illi saru seduti fl-4 ta' Gunju 2015, 5 ta' Ottubru 2015 u 26 ta' Ottubru 2015 ghal-provi tas-socjeta intimata izda s-socjeta intimata ma ressqet l-ebda provi.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2015, ghal darba ohra, is-socjeta intimata naqqset milli tressaq xi provi kif ukoll rappresentant taghha naqas milli jidher ghar-raba darba konsekuttiva, u ghalhekk il-Qorti iddikjarat il-provi maghluqa u differiet il-kawza ghall-lum ghas-sentenza.

Rat illi ma dahhlet ebda rikjesta sabiex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tippronunzja s-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda bilanc li qieghed jintalab mis-socjeta rikorrenti minghand is-socjeta intimata ghall xoghlijilet illi l-istess socjeta rikorrenti kienet ghamlet lis-socjeta intimata f'hanut taghha gewwa Merchant Street, Valletta, ghal liema xoghlijilet is-socjeta rikorrenti kienet thallset parti biss.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta rikorrenti kienet giet ingaggata sabiex taghmel xogholijiet ta' l-ghamara kollha illi kellhom x'jaqsmu mal-hanut tas-socjeta intimata gewwa Merchant Street, Valletta kif ukoll ix-xoghol kollu relatat mal-istruttura illi ittelghet mal-faccata ta' l-istess hanut.

Jirrizulta illi x-xoghol kollu kien intiz sabiex is-socjeta intimata tkun tista tiftah il-hanut taghha, u ghalhekk kien xoghol illi kellu jitlesta kollu f'daqqa.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet baghtet disinji specifici dwar kif riedet illi jsir ix-xoghol fil-hanut taghha, liema dinsiji waslu ghal diversi laqghat bejn il-partijiet sabiex jigi assikurat illi x-xoghol isir kif suppost.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet avvicinat is-socjeta rikorrenti bix-xoghol illi kellu jsir f'Awissu 2010, u ghalkemm is-socjeta intimata kellha thallas depositu ta' 30 fil-mija tax-xoghol illi kellu jsir, tali depositu ma inghata qatt.

Jirrizulta illi peress illi tali depositu ma inghata qatt, ix-xoghol illi kien intenzjonat sabiex il-hanut jinfetah fil-milied tas-sena 2010 ma inbediex, ghalkemm saru varji laqghat bejn il-partijiet dwar id-disinn illi kellu jsir.

Jirrizulta illi, eventwalment, ghalkemm is-socjeta intimata baqghet qatt ma ghamlet pagamenti, is-socjeta rikorrenti bdiet bix-xoghlijiet u, sa Marzu tas-sena 2011, kienet lestiet l-ghamara ta' gewwa u installat kollox.

Jirrizulta illi wara tali installar, saret lista ta' korrezzjonjiet illi kellhom isiru, maghrufa wkoll bhala 'snag list', relatati mal-ghamara ta' gewwa.

Jirrizulta illi, nelfrattemp, sar u tlesta x-xoghol tal-faccata tal-hanut wkoll, u ghal darba ohra, is-socjeta intimata baghtet lista ta' korrezzjonjiet illi kienet qed tippretendi minghand is-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi, sa dakinhar illi gie installat kollox, is-socjeta intimata ma kienet hallset xejn lis-socjeta rikorrenti, u ghalhekk is-socjeta rikorrenti insistiet illi qabel ma tithallas, ma kienet ser taghmel ebda xogholijiet ohra.

Jirrizulta illi, eventwalment, wara hafna diskusjonjiet bejn il-partijiet, is-socjeta rikorrenti ghazlet illi taghmel il-korrezzjonijiet necessarji fl-ghamara ta' gewwa il-hanut, liema hanut nelfrattemp kien fetah u kien qieghed jopera. Dawna x-xoghlijliet saru u eventwalment, ftit wara, f'Gunju 2012, is-socjeta intimata hallset lis-socjeta rikorrenti l-import tax-xoghlijiet ta' l-ghamara kollha ta' gewwa il-hanut. Hija, madanakollu, irrifjutat illi thallas ghal faccata ta' barra, u ghalhekk dana ma thallasx.

Jirrizulta illi, in vista ta' dan, bdew ghaddejjin negozjati bejn il-partijiet sabiex isir disinn gdid tal-faccata u s-socjeta rikorrenti kienet disposta illi taghmel dawk l-emendi kollha necessarji izda s-socjeta intimata, illi nelfrattemp kienet qieghda topera regolarment minn dana il-hanut u kienet qieghda taghmel uzu tal-faccata kif installata mis-socjeta rikorrenti, naqqset milli taghmel il-proposti taghha dwar kif kellha ssir il-faccata tal-hanut.

Jirrizulta illi wara li s-socjeta rikorrenti rat illi s-socjeta intimata kienet qieghda tkaxkar saqajha filwaqt illi kienet qieghda regolarment topera mill-hanut, bl-uzu wkoll tal-faccata illi dwarha huma kienu qed jilmentaw, ghazlu biex imexxu bil-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi l-bilanc rikjest mis-socjeta rikorrenti u meritu tal-kawza odjerna hija relatata unikament mal-faccata tal-hanut illi s-socjeta intimata ghandha fil-hanut taghha gewwa Merchant Street, Valletta.

Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm is-socjeta intimata ilmentat mix-xoghol illi sar mis-socjeta rikorrenti fil-faccata, hija regolarment operat minn tali hanut minghajr ebda prova illi tali difetti minnha osservati effettwaw negattivament ix-xoghol tal-hanut.

Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm is-socjeta rikorrenti offriet illi taghmel dawk ix-xoghlijlet rimedjali biex is-socjeta intimata tkun kuntenta bix-xoghol tas-socjeta rikorrenti u biex ghalhekk thallas il-bilanc dovut lill-istess socjeta rikorrenti, is-socjeta intimata naqqset milli tikkonferma x'rimedji kollha isiru mis-socjeta rikorrenti u ghalhekk qatt ma setghhu isiru x-xoghlijliet rimedjali illi lmentat dwarhom is-socjeta intimata.

Il-Qorti, finalment, tosserva illi jirrizulta car illi l-agir tas-socjeta intimata illi ttawwal n-negozjati mas-socjeta rikorrenti huwa rifless ukoll fil-proceduri quddiem dina l-Qorti fejn ir-rappresentant tas-socjeta intimata deher biss tlett darbiet mill-erbghatax-il seduta illi kien hemm quddiem il-Qorti u, fl-ahhar hames seduti ma deher qatt, ghalkemm ghall-ahhar erbgha seduti l-istess socjeta intimata kellha tressaq il-provi taghha u ma ghamlitux.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li n-nuqqas da' parte tas-socjeta intimata illi tressaq il-provi taghha abbinat mal-fatt illi attwalment is-socjeta intimata kienet regolarment qieghda taghmel uzu mill-faccata illi dwarha kienet qed tilmenta minghajr ebda indikazzjoni illi dana kellu xi effett negattiv

fuq ix-xoghol taghha ghandhom ikun sufficjenti biex tasal ghall-konkluzjoni illi t-talba attrici tirrizulta ippruvata u timmerita illi tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kolla prodotti quddiemha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** t-talbiet kollha attrici u ghalhekk,

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas is-socjeta rikorrenti is-somma ta' hamest elef, tlett mija u disgha u sittin Euro (€5,269) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata lilha kif ukoll servizzi lilha pretizi.

Spejjez kif mitluba fl-avviz promotur u bl-imghax mis-6 ta' Awissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv, ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur